DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/87/PESK

tat-18 ta' Frar 2013

dwar il-bidu ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Diċembru 2012, il-President tar-Repubblika tal-Mali indirizza ittra ta' stedina lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li biha laqa' l-iskjerament ta' missjoni ta' taħriġ militari tal-UE f'Mali;

(2) Fis-17 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/34/PESK.

(3) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk ma tipparteċipax fil-finanzjament ta' din il-missjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pjan tal-Missjoni u r-Regoli tal-Parteċipazzjoni li jikkonċernaw il-missjoni militari tal-UE biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali ("EUTM Mali") huma approvati.

Artikolu 2

EUTM Mali ser tibda fit-18 ta' Frar 2013.

Artikolu 3

Il-Kmandant tal-Missjoni EUTM Mali huwa b'dan awtorizzat b'effett immedjat biex jibda l-eżekuzzjoni ta' EUTM Mali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

[1] ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.